MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 639/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**BERNARDA MUSCAT mart Andrew u bint Coronato Ellul u Pia nee' Zammit, imwielda fid-disgha ta' Ottubru, 1964 u residenti April Love, Dahlet ix-Xaghra ta' Barbra, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 39264G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **BERNARDA MUSCAT** mart Andrew u bint Coronato Ellul u Pia nee' Zammit, imwielda fid-disgha ta' Ottubru, 1964 u residenti April Love, Dahlet ix-Xaghra ta' Barbra, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta

tal-identita numru 39264Ggiet mressqa quddiemha u akkuzata talli fil-hdax (11) ta’ Gunju 2006 ghal habta tal-hdax ta’ filghodu (11:00a.m.) halliet jew gieghlet lil Sean Muscat juza vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAR-172 fit-toroq meta ghal uzu ta’ din il-vettura minnu, ma kienetx issehh polza tal-assigurazzjoni dwar riskji ta’ terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ PS 369.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 369 Joseph Mizzi.

Peress li **l-akkuza ma tirrizultax ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputata BERNARDA MUSCAT hatja taghha u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------